



Dokument ta' sessjoni

A9-0222/2023

29.6.2023

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 b'rabta mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea
(6618/2023 – C9-0202/2023 – 2023/0036(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Samira Rafaela

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	7
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 b'rabta mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (6618/2023 – C9-0202/2023 – 2023/0036(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (6618/2023),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (6619/2023),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0202/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0222/2023),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika taċ-Ċili.

NOTA SPJEGATTIVA

Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (UE), f'Ottubru 2018, l-UE nediet formalment negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 ma' għadd ta' Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), inkluża r-Repubblika taċ-Ċili. Il-prinċipju sottostanti tan-negozjati huwa "approċċ konġunt" żviluppat bejn l-UE u r-Renju Unit fl-2017 dwar kif "jitqassmu" l-impenji kwantitattivi li jinsabu fl-iskeda tad-WTO tal-EU28 għall-143 kwota tariffarja (TRQ) fil-qafas tad-WTO għal prodotti agrikoli, tal-ħut u industrijali. Il-bażi ta' dan l-approċċ hija li l-volum eżistenti ta' kull kwota tariffarja tinżamm bis-sħiħ wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, iżda tinqasam f'żewġ territorji doganali separati, dak tal-EU27 u r-Renju Unit.

Il-prinċipju tal-metodoloġija applikata huwa bbażat fuq il-flussi kummerċjali fl-EU27 u fir-Renju Unit matul perjodu ta' referenza rappreżentattiv ta' tliet snin (mill-2013 sal-2015) għall-kwoti tariffarji tad-WTO kollha. Il-metodoloġija miftiehma tat-tqassim hija deskritta fid-dettall fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 2(b) ta' dan ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li temenda l-ishma tat-tqassim filwaqt li tqis l-informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi kemm fil-kuntest tan-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 kif ukoll minn sorsi oħra b'interess fi kwota tariffarja speċifika.

Ir-Repubblika taċ-Ċili għandha drittijiet ta' negozjar għal żewġ kwoti tariffarji. It-tnejn huma suballokazzjonijiet tal-kwota tariffarja 020, li tikkonċerna l-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż li jkun frisk, imkessaħ jew iffriżat. Waħda minnhom tapplika għall-partijiet kontraenti kollha (*erga omnes*) u l-oħra hija kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż għar-Repubblika taċ-Ċili. Filwaqt li ċ-Ċili aċċetta l-volumi proposti mill-UE għall-ewwel waħda, il-ftehim jipprevedi aġġustament minuri 'l isfel tal-kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż, abbażi ta' perjodu ta' referenza differenti.

F'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, biex il-Kunsill jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim u biex dan il-ftehim jidħol fis-seħħ fi żmien xieraq hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim, mingħajr preġudizzju għad-dritt demokratiku tiegħu ta' skrutinju kontinwu.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 b'rabta mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea
Referenzi	06618/2023 – C9-0202/2023 – 2023/0036(NLE)
Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni	12.6.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 15.6.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Samira Rafaela 21.3.2023
Eżami fil-kumitat	24.5.2023
Data tal-adozzjoni	27.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Emmanuel Maurel, Alessandra Mussolini, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Nevedálová, Ernő Schaller-Baross, Helmut Scholz, Sven Simon, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Reinhard Bütikofer, Svenja Hahn, Michiel Hoogeveen, Seán Kelly, Miapetra Kumpula-Natri, Javier Moreno Sánchez
Data tat-tressiq	29.6.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

34	+
ECR	Mazaly Aguilar, Geert Bourgeois, Michiel Hoogeveen
ID	Danilo Oscar Lancini
NI	Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó, Ernő Schaller-Baross
PPE	Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Seán Kelly, Gabriel Mato, Alessandra Mussolini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler
Renew	Svenja Hahn, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neved'alová, Kathleen Van Brempt
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Markéta Gregorová, Heidi Hautala

0	-

2	0
The Left	Emmanuel Maurel, Helmut Scholz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni